KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM
GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

**4 t'Ottubru, 2010**

**LILL-MEMBRI TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL LOKALI T'GHAJNSIELEM**

It-Tnejn u tletin laqgha ta' dan il-Kunsill ser tinzamm nhar il-Hamis, 7 t' Ottubru, 2010 fl-Ufficcju tal-Kunsill, fil-***5.00 ta' wara nofs in-nhar.*** Kulhadd huwa mitlub li jattendi u jkun fil-hin.

**AGENDA**

1. Talba
2. Minuti
3. Korrispondenza
4. Progett Pjazza Madonna ta' Loreto
5. Gemellagg – Tfassil ta' programm ghal grupp li ghandu jigi minnTolfa bejn l-14 u t-18 t'Ottubru, 2010
6. Quotations – Bethlehem f'Ghajnsielem
7. ERDF Priority Axis 2 – 'Promoting sustainable tourism' – investing in competiveness for a better quality of life.
8. Memo 118/2010 – Inizjattiva ambjentali biex ticcelebra gheluq l-20 sena hidma tal-kumpanja Vodafone.
9. Materji ohra

**Grazzi u tislijiet,**

A. Cauchi

**Amanda Cauchi**
**Seg. Ezekuttiv**

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. GSM 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM

GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

Minuti tat-tnejn u tletin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar it-Hamis, 7 ta' Ottubru, 2010, fis-5.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sinj Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |

1. Talba – Wara li s-Sindku qal it-talba, ta' bidu ghal-laqgha.

   Il-Kunsillier Sur Peter Caruana kien avza lis-segretarju ezekuttiv min nhar it-Tnejn ser jattendi tard ghal-din il-laqgha.

2. Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

   Paragrafu 13 – Is-Sur Larry Buttigieg spjega li l-importanti li jinsaddu t-toqob li hemm fit-Triq il-Fugazz bil-konkos, u ma hemmx ghalfejn bit-tarmac.

   Wara konsidereazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

3. Korrispondenza

   - Invit ghal-wiri u diskussjoni fl-okkazjoni tal-Jum Dinji Favur is-Sahha Mentali li ser issir il-Gimgha 8 t' Ottubru, 2010 fis-6pm fis-*Citadel Cinema*.

   - Invit ghal Konferenza fuq *Playing Field Equipment and child safety, playing fields for Disability and Outdoor Fitness* li ser issir il-Gimgha 15 t'Ottubru fl-4pm il-Montekristo Estates.

   - Gandott fit-Triq il-Gnien - is-Sindku spjega kif fl-ufficju tal-Kunsill dahal rapport min xi residenti li dan il-gandott huwa ta' periklu ghal min ikun isuq. Il-kaz ghadda ghand il-pulizija.

   - Transport Malta – approvaw ir-*reserved parking* fit-Triq Hamri
     - Approvaw double yellow lines fit-Triq Cordina kantuniera mat-Triq ix-Xatt l-Ahmar

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. Gsm 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

- Attivita fil-playingfield – Arka Respite Centre baghtet ittra ta' ringrazzjament lil Kunsill ta' l-inizjattiva li ha, flimkien ma' Bubbles Entertainment Ltd biex jorganizza din l-attivita`. Permess ta' dik l-attivita', l-Arka irnexxielha tigbor l-ammont ta' €322.68. Is-sur Joe Camilleri issugerixxa li tintbaghat ittra lil Bubbles Entertainment fejn nissugerixxu li ssir attivita ohra qrib il-Milied.

- Premju Gieh l-Artigjant Malti - Is-Sindku semma li bhas-Sur Joe Xuereb ikun jista japplika ghal-dan il-premju peress li hu skultur. Is-Sur Joe Cammileri issugerixxa li naghmlu avviz fuq il-bullettin biex navzaw lil residenti kollha b'dan il-premju.

- Kemmuna – Friends of the Earth baghtu ritratti lil Kunsill biex turi l-vandalismu li qed isir bhalissa fuq Kemmuna specjalment in-naha tal-Forn. Il-Kunsill qabel li jibghat ittra lill-Ministru ghal-Ghawdex biex jaraw x'jista jsir.

- Memo 118/2010 – Inizjattiva ambjentali biex ticcelebra gheluq l-20 sena hidma tal-kumpanija Vodafone. Is-Sindku qal li l-Kunsill jista' japplika fuq it-tisbieh ta' zoni pubblici li saru ricentament fil-pjazzez tal-Knisja, Indipendenza u tad-Dehra u Triq Anglu Grech kif ukoll it-tisbieh li sar fil-playingfield Amabile Cauchi.

- Memo 119/2010 – *Green Challenge and Community Involvement Awards.* Il-Kunsill qabel li japplika fuq l-inizjattiva li ha l-Kunsill ghal-dawn l-ahhar tlett snin biex jghaqqad il-komunita' t'Ghajnsielem fliemkien fiz-zmien il-Milied u jtellgha l-Presepju Haj, bl-ghajnuna ta' kulhadd.

- Memo 121/2010 – skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2011. Is-Sindku qal li din is-sena tkun idea sabiha jekk nidhlu f'kollaborazzjoni mal-organizzaturi tan-nursery t'Ghajnsielem F. C. Is-sur Joe Camilleri issugerixxa li nibaghtu l-linji gwida ta' din l-iskema lis-segretarju tal-*club* u mbaghad jghaddu s-suggerimenti taghhhom lil-Kunsill.

- Attivita' b'risq il-Community Chest Fund – Il-Kunsill qabel li b'kollaborazzjoni mal-fondazzjoni Bethlehem f'Ghajnsielem, jorganizza gurnata *open day* fil-presepju, fejn il-pubbliku jkun jista jara kif qieghed jinbena dan il-presepju. F'din l-attivita' jkun hemm ukoll Fire Drill. Ikel tradizzjonali, bhal ftajjar u nbid ser ikunu disponibbli. Il-Kunsill jipprova li jistieden lil-media ghal-din l-attivita`, ghal-aktar reklamar. Il-flus li jingabru jmorru ghal Comunity Chest Fund.

- Affari Taghna – il-Kunsill ircieva korrispondenza mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn baghtet invit lis-Sindki u l-Kunsilliera kollha ta' Malta u Ghawdex biex jattendu ghal dan il-programm ipprezentat minn John Bundy li ser isir il-Gimgha, 15 t'Ottubru fuq l-istazzjon Super One.

- Seminar 'Anzjanita'– Opportunita' u Sfida – il-Fondazzjoni IDEAT se torganizza dan is-seminar nhar is-16 t'Ottubru gewwa d-Diplomat Hotel, tas-Sliema, mid-9.00am sas-1.00pm

- Il-fondazzjoni Bethlehem f'Ghajnsielem qalu lil-Kunsill li huma jixtiequ jaghmlu l-kors tal-Fire and Safety biex waqt li tkun ghaddejja l-attivita' ta' Bethlehem f'Ghajnsielem, ikun hemm persuna dejjem fil-post preparat ghal li jista jinqala. Huma talbu ghajnuna mill-Kunsill ghal-dan it-tahrig, peress li dan il-progett huwa tal-Kunsill. Il-Kunsill gab kwotazzjoni ta' kors li jinvolvi 8 sighat b'€40 is-siegha. Ghal-dan il-kors jistghu jippartecipaw bejn 10 u 15 persuna. Apparti dan, il-Kunsill irid jahseb ghall-mili tal-*fire extinguisher* u il-post fejn isir it-tahrig. Is-Sindku qal li hemm 6 mill-fondazzjoni, kif ukoll il-membri tal-Kunsill li huma nteressati li jaghmlu dan il-kors. Barra min dawn, jistghu jattendu ukoll rapprezentat mill-kazini u organizazjonijiet li hawn fir-rahal. Is-Sindku qal ukoll li min jattendi ghal-dan il-kors, ser jinghata certifikat approvat lill-kull partecipant. Il-kors ser jinqasam f'zewg fazijiet ta' erbgha sighet il-wahda u jsir fis-sala tal-kazin tal-banda u f' ta Passi.

- Stedina tal-UDITE – l-Assocjazzjoni Segretaji Ezekuttivi Kunsilli Lokali (Malta) stiednet lis-Segretarji tal-Kunsilli Lokali ghall-X-Kungress ta' l-UDITE li ser issir fis-Strasbourg bejn id-27 u 30 t'Ottubru, 2010. Il-Kunsill approva li s-Segretarju Ezekuttiv taddendi ghal Kungress wara li wriet ix-xewqa li tippartecipa ghal dan il-Kungress.

- MEPA – is-Sindku ta' rendikont tal-permessi u l-applikazzjonijiet godda kif ukoll *enforcement notices* li saru ricenti lil-MEPA fir-rahal t'Ghajnsielem.

4. Pjazza Madonna ta' Loreto

Wara sejha ghal-laqgha minn ghand il-Ministru ghal-Ghawdex fuq l-imsemmi suggett, il-Kunsill t'Ghajnsielem flimkien ma l-Arcipriet attendew din il-laqgha li nzammet nhar il-Gimgha 17 ta' Settembru, 2010. Ghal-laqgha kienu prezenti l-Kunsill kollu, is-Segretarju Ezekuttiv, il-perit Godwin Sultana, l-avukata tal-Ministeru Titiane Cassar, il-Ministru Giovanna Debono, l-Arcipriet Dun Frankie Bajada, Rudolph Cauchi, kif ukoll Lelio Spiteri. Is-Sindku qara d-*draft contract* li kien gie diskuss waqt din il-laqgha rigward il-pjazza ghal-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill ma qabelx ma dan id-dokument kollu, fejn parti minnu kien jghid li l-manutenzjoni u tindif tal-pjazza jinqasam bejn il-Ministeru u l-Kunsill. Dan ma kienx kif miftihem, ghaliex l-ispejjez ghandhom jinqasmu bejn il-Kunsill u l-Knisja kif kien miftihem fil-laghqa bejn l-Arcipriet, il-Kunsill u l-Ministru. Il-Kunsill qal li fuq disinn ma hemmx xejn imdahhal fil-kuntratt, fejn waqt il-laqgha sar qbil li l-fontana ma ssirx, izda t-targa fic-cirku tan-nofs issir, sabiex l-access tar-rampa ikun konformi mar-regolamenti tal-persuni b'dizabilita' u ma tintilifx targa miz-zuntier. Sar qbil ukoll biex isiru zewg bus shelters fuq il-pjazza, b'*notice board* ghal-uzu tal-Kunsill.

Kellu jitnizzel ukoll fil-kuntratt li ghall-ebda raguni, l-access tal-pjazza ma ghandu jinghalaq ghal-pubbliku. Waqt il-laqgha gie miftiehem li jsir gibjun taht il-pjazza u li s-sigar jinqalghu jekk ikun hemm approvazzjoni mil-MEPA. Il-Kunsill qabel li ssir prezentazzjoni lil-pubbliku, b'zewg disinni, u li l-Kunsill jikkonsidra d-decizjoni tal-poplu. F'din il-laghqa gie miftihem ukoll li-l-Arcipriet jibghat kopja tal-kuntratti tal-Pjazza lill-Avukata tal-Ministeru u t-tahdidiet ikomplu wara. Is-Sindku qal li kien iltaqa ma l-avukat tal-Ministeru il-bierah, fejn din qaltlu li kienet ghadha m'ircivietx il-kopji tal-kuntratti tal-pjazza minn ghand l-Arcipriet. Hi qaltlu li kienet ser terga` tfakkru li ma kienetx ser tkompli bit-tahdidiet qabel tircievi dawn il-kuntratti kif kien miftihem fil-laghqa mal-Ministru.

5. Gemellagg

Bhal lum gimgha gejjin il-grupp minn Tolfa immexxija mis-Sindku u l-vici Sindku, mill-14 sat-18 t' Ottubru, 2010. Dawn ser itellghu wirja ta' kant u drama nhar il-Gimgha 15 t' Ottubru fil-ghaxija, fic-Cittadella. Il-Kunsill approva kull transport necessarju ghal din il-vista. Is-sur Joe Camilleri issugerixxa li gurnata minnhom jmorru fuq il-*gozo sightseeing*. Il-Kunsill approva dan il-hlas jekk il-grupp jiddeciedi li jmur. Fil-kaz li ma jkunx possibli li dan il-vjagg isir, il-Kunsill qabel li issir minflok dawra ma'Ghawdex u ohra ma Malta bil-minibus. Ghandu jinghata wkoll *packed lunch* ghal meta jmorru Malta u ikel tradizzjonali Ghawdxi meta il-grupp izur ic-Cittadella. Il-Kunsill approva li issir ikla fl-ahhar gurnata l-Grand Hotel, fejn il-Kunsill kollu u l-istaff ikun mistiden ghal-din l-ikla, kif ukoll il-grupp li jkun hawn min Tolfa. Saret diskuzzjoni fuq il-programm ta' dawn il-granet li gie approvat. Gie deciz li jigi ikkuntatjat is-sur Frank Tabone u s-sur Paul Stellini biex dawn ikunu jistghu jaghmluha ta' gwidi meta l-grupp izur lil Malta u d-dawra ma' Ghawdex. Is-Sindku heggeg biex jekk hu possibli kullhadd ghandu jkun prezenti ghal-programm kollu.

6. Bethlehem f'Ghajnsielem 2010

Il-Kunsill qabel li l-injam u l-hadid jinxtara minn ghand Joseph Caruana Co. Ltd, u skavar u transporter ta' materjal minn ghand Mario Saliba ghaliex dawn il-kwotazzjonijiet kienu l-irhas. Is-Sindku spjega kif ghal-kwotazzjoni ta' Project Manager, hadd ma applika. Hawn sar qbil li l-invoices ikunu jistghu jittiehdu minn ghand is-sur Franco Ciangura biss.

7. *Sports day*

Il-Kunsill qabel li ssir sports day, b'kollaborazzjoni ma' Ghajnsielem Football Club ghal-zmien il-Milied. Il-Kunsill qabbad lis-Segretarju Ezekuttiv biex tiehu hsieb torganizza laqgha mal-Club biex issir diskussjoni fuq is-suggett.

8. ERDF Call

Il-Kunsill qabel li japplika taht din is-sejha fuq ix-Xatt l-Ahmar.

9 Italia-Malta

Is-Sindku, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv huma mistednin ghal-laqgha li ser issir f'Palermo fil-11 t'Ottubru, 2010 fuq l-applikazzjoni ta' Italia-Malta. Is-Sindku fakkar li kmieni din is-sena l-Kunsill kien applika u approva dan il-progett, fejn il-punt principali tal-progett hija attivitajiet kulturali fil-Gzira ta' Kemmuna u gzejjer ohra bejn Sqallija u Malta. Is-Sindku qal li dan il-progett kien wasal fi stadju avvanzat u kien ghalhekk li gie mistieden biex flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv jattendi dan il-*press conference* biex jaghmel il-prezentazzjoni tieghu fuq Kemmuna. Barra r-rahal t' Ghajnsielem gew mistednin ukoll is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tar-Rabat Ghawdex, kif ukoll s-Sindki ta' Pantelleria, Lampedusa, Favignana u Linosa. Il-laghqa ser tigi indirizzata mis-Sur Conte, raprezentant mid-Dipartiment tar-Reġjuni ġewwa Brussel kif ukoll l-Ufficċju tal-Affarijiet Extra-Reġjonli fir-Reġjun ta'Sqallija, fil-bini tar-regjun ta' Palermo. Il-Kunsill approva biex is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv jattendu ghal din il-laghqa hekk importanti.

10. Wifi

Larry Buttigieg issugerixxa li ssir WIFI fuq il-griza ta' Kemmuna. Il-Kunsill qabel li dan is-servizz hu ferm essenzjali ghal din il-gzira u gie deciz li ghandu jikteb lid-Dipartiment koncernat biex japprova dan is-suggeriment.

11. Tournament ta' l-Snooker

Is-Sur Larry Buttigieg issugerrixxa li l-Kunsill jorganizza tournament ta' l-Snooker bejn Ghajnsielem u l-Mellieha. Dan jista jsir fil-gimgha tal-Milied fejn f'dan iz-zmien fil-Mellieha ikun hemm gimgha attivitajiet fuq Xmas Village. Is-Sur Buttigieg issugerrixxa li l-Kunsill jorganizza harga kulturali minn dan it-tournament, fejn ir-residenti kollha t'Ghajnsielem ikunu mistiedna li jattendu dawn l-attivitajiet u jaraw it-tournament fil-Mellieha. Is-Sindku qal li b'din l-inizzjattiva il-Kunsill ikun jista jistieden ukoll lill-Kunsill tal-Mellieha biex jorganizza gita ghal Ghajnsielem biex izuru Bethlehem f'Ghajnsielem.

12. Gieh Ghajnsielem

Is-Sindku qal biex sal-laqgha li gejja, il-prezenti jahsbu biex jinnominaw lil xi persuna biex jiehu t-titolu ta' Gieh Ghajnselmiz 2010.

13. Harga ghall-anzjani tar-rahal

Il-Kunsill approva li ssir harga ghall-anzjani tar-rahal fejn jofrilhom xi haga zghira ta' l-ikel u caffe waqt il-harga.

14. Materji ohra

Joe Camilleri

- Staqsa kif fil-laqgha li saret rigward il-presepju ta' din is-sena ma ssemmiex il-punt li ma nghatawx l-fondi mill-Ewropa li kienu applikaw ghalihom il-fondazzjoni.
- Issugerixxa li jinxtraw 4 flower pots (2 kbar 2 zghar) ghal-hdejn il-Knisja tal-Patrijiet. Il-Kunsill approva dan.
- Staqsa fuq l-stadju tal-permessi ghal-bini ta l-Ghajn tal-Hasselin – is-Segretarju irrispondiet li id-Dipartiment tal-Gvern Lokali talbu lill-Kunsilli Lokali kollha biex ituhom in-numri tal-permessi tal-MEPA li kull Kunsill ghandu pendenti. Is-Segretarju qalet li baghtet in-numri lid-Dipartiment, tal-Ghajn tal-Hasselin (PA1930/09) u dak ta' l-Arkata (PA14929/09). Id-Dipartiment ser jiehu l-passi mehtiega biex dawn il-permessi jigu approvati fl-iqsar zmien.
- Issugerixxa li nippublikaw il-pjanti ta' l-Ghajn u l-Arkata fuq in-notice board.
- Fakkar li din is-sena l-quddiesa b'sufragju tal-vitmi tal-gwerra ghanda issir fil-Knisja tal-Patrijiet kif kien miftihem. Importanti li navzaw fil-Bullettin u lil-Gwardjan tal-Knisja. Il-quddiesa ser issir nhar il-Hadd, 14 ta' Novembru fil-11am. Is-Sur Stephen Mercieca issugerixxa li jinxtraw poppies u jitqassmu waqt il-quddies. Il-Kunsill qabel li din is-sena jigu ppublikati *bookmarks* bl-ismijiet tal-persuni li mietu u titqassam waqt ic-celebrazzjoni. Wara l-quddiesa jitpoggew il-fjuri quddiem il-Monument tal-Gwerra u fic-cimiterju tar-rahal.
- Staqsa fuq id-devoluzzjoni tac-Centru Civiku – is-Sindku qal li l-kuntratt baghtuh iffirmat minghajr ma saru ceremonji. Ghalhekk issa d-devuluzzjoni ta' l-art giet approvata u mghoddija lill-Kunsill.
- Issugerixxa li ssir Festa Frawli, li jorganizzaw l-Imgarr Malta f'Ghajnsielem is-sena d-diehla.

- Jixtieq li titwahhal nota fuq in-*notice boards* biex taghti messagg liz-zaghzagh kontra d-droga. – kulhadd qabel ma dan

15. Customer Care

- Sleeping police fit-Triq il-Qighan biex titnehha – peress li din kienet saret fuq talba tar-residenti il-Kunsill iddecieda li ma tigix approvata
- Dar fit-Triq Hamri qeghda tfur bid-dranagg – is-Sindku qal li wara li haddiema mid-*Drainage Section* iccekjaw mnejn gejja l-hsara rrizulta l-problema kienet gejja minn nahha tar-resident u ghalhekk il-hsara trid titranga mir-resident innifsu. Peress li t-triq kienet ghada kif saret bit-tarmac, jekk hemm il-htiega li jsir *trenching* fit-triq, ir-resident irid jirranga kull danni ghal-spejjez tieghu u l-*patching* isir bit-tarmac kif originalment qeghda.
- Double yellow line – Mgarr Road, quddiem it-tarag li jaghti ghal-Horatios - approvata
- *Water* culvert fit-Triq Wied ir-Rajjes – il-wied intelgha bil-materjal u l-ilma m'huwiex jghaddi. Is-Sindku qal li ghalissa ma jistghax jitnaddaf peress li ghadu ghaddej il-bini fil-vicin. Hu qal li parti mil-materjal li waqa fil-wied kien mit-tqatiegh ta' blat li sar biex jinbena bini gdid u li kien sfronda wkoll parti mis-saqaf tal-wied kagun ta' dan ix-xoghol ftit l-isfel mil-grada. Hu qal ukoll li din il-grada tal-hadid tal-wied li kien hemm biswit dan il-progett kienet tkissret kagun ta' dan it-tahmil u tpoggiet pjanca tal-hadid minfloka.
- Vandalizmu fil-playingfield – is-Sindku qal li wara li l-vandalizmu baqa jsir, anzi zdied, hu kien ta' l-opinjoni li jitwahhlu *cctv cameras* sabiex min jinqabad jaghmel vandalizmu jehel ta' l-ispejjez tal-hsarat li jkun ghamel. Il-Kunsill qabel li jigbor kwotazzjonijiet biex isir *cctv camera* kemm fejn il-Playing field, kif ukoll fil-Pjazzetta 10 ta'Dicembru quddiem il-*Bring In Sites*.
- Triq Cordina – problema tal-wied fix-xita. Il-Kunsill qabel li jsir gandott taht il-bankina, jew xi tip ta' grada biex jinzel l-ilma. Din issir fil-bankina ta' Triq Cordina kantuniera ma Triq l-Mgarr

Is-Sindku

- Isuggerixxa li jsir kors ta' bini ta' presepji. Gie deciz li dan isir fil-kazin tal-banda u jsir kull nhar ta' Sibt bejn il-5.00pm u s-6.00pm ghal hames darbiet. Ghandhom jigu mistiedna hames kelliema differenti, tnejn minn Malta u tlieta Ghawdxin li huma s-sur Victor Agius, is-sur Anthony Caruana u s-sur Paul Stellini. Wara l-kors issir esibizzjoni tal-presepji li jkunu saru fil-kors flimkien ma ohrajn fl-istess kazin.

Larry Buttigieg

- Issugerixxa li l-Kunsill iqabbad lil persuna biex tiehu hsieb il-Website tal-Kunsill, u dejjem tigi aggornata.

Stephen Mercieca

- Issuggerixxa li jsir *single yellow line* fit-Triq il-Gnien.

Il-laqgha ntemmet fit-8.30pm. Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill nhar il-Hamis, 11 ta Novembru 2010, fil-5.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Cauchi
Segretarju Ezekuttiv